**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 579/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**-Vs-**

***OMISSIS***
**SAMMY VELLA**
**(ID: 76180M)**

**Illum, 28 ta' Jannar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputati **SAMMY VELLA** detentur tal-karta ta' l-identita' 76180M u ***OMISSIS*** tressqu quddiemha akkuzati talli:-

Nhar l-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tas-14:00, ħin ta' Malta, kif ukoll fil-ħinjiet u fix-xhur ta' qabel, bħala kompliċi ta' xulxin assocjajaw ruhhom f' Malta jew barra minn Malta, jew/u fl-ibħra tas-sajd kif imfissra fil-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll lil hinn minnhom u f'ibħra oħra, u f'Malta dwar imġieba illegali fir-rigward tal-bastiment Marie de Lourdes II bin-numru ta' reġistrazzjoni MFA7115 fir-Reġistru tal-Bastimenti tas-Sajd miżmum mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura u obbligi relatati miegħu u s-sajdiet tiegħu, sabiex jitwettaq delitt.

**Lil Sammy Vella waħdu:**

1. Talli nhar l-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tas-14:00, ħin ta' Malta, kif ukoll fil-ħinjiet qabel naqas milli jinnotifika bid-dħul lura fil-port tal-bastiment tas-sajd imsemmi kif preskritt fil-Permess tas-sajd speċjali għall-konz tal-pixxispad – 2014 taħt il-kundizzjoni 6 tal-imsemmi permess u dan bi ksur tal-artikolu 12 tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll tar-restrizzjoni jew l-obbligu taħt l-Artikolu 80 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jwassal għall-ksur tar-regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08 u li għall-fini ta' pieni jikkostwixxi reat ta' xorta gravi taħt l-imsemmi regolament 4 tal-L.S. 425.08;

2. Talli ukoll fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi qabad, żamm abbord u bdew jew prova jħott l-art tonn mingħajr awtorizzazzjoni valida u mingħajr dokumentazzjoni preċiża, kompleta u validata u dan f'ammonti li jeċċedu l-massimu konsentit għall-qabdiet inċidentali, bi ksur tar-restrizzjoni jew l-obbligu taħt l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 u possibbilment tal-artikoli tal-istess Regolament kif imsemmija fl-Artikolu 11 tiegħu liema ksur iwassal għall-ksur tar-regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08 u li għall-fini ta' pieni jikkostwixxi reat ta' xorta gravi taħt l-imsemmi regolament 4 tal-L.S. 425.08;

3. Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi qabad, żamm abbord, prova jħott l-art u prova jġorr, jaħżen u/jew jbiegħ jew joffri għall-bejgħ pixxispad taħt id-daqs minimu bi ksur tar-restrizzjoni jew l-obbligu taħt il-paragrafu 8 tar-Recommendation for Management Measures for Mediterranean Swordfish in the Framework of ICCAT enumerata 11-03 li jwassal għall-ksur tar-regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08 u li għall-fini ta'

piena jikkostwixxi reat ta' xorta gravi taħt l-imsemmi regolament 4 tal-L.S. 425.08;

4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokumenti maħsuba għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet foloz, jew ta tagħrif falz bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet dwar il-qabdiet fuq il-ġurnali ta' abbord tas-sajd fuq il-karta u dawk elettroniċi u kif jirriżulta mill-verifiki mwettqa minn uffiċjali għat-tħaris tas-sajd.

5. Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u sabiex juri li qed iħares ħtieġa biex jagħti xi tagħrif taħt il-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta ta tagħrif li kien jaf li hu falz f'xi punt materjali jew li bi traskuraġni ta tagħrif li kien falz f'xi punt materjali bi ksur tal-artikolu 29(2)(b) tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet dwar il-qabdiet fuq il-ġurnali ta' abbord tas-sajd fuq il-karta u dawk elettroniċi u kif jirriżulta mill-verifiki mwettqa minn uffiċjali għat-tħaris taas-sajd fir-rispett tal-istess qabdiet surriferiti;

6. Talli ukoll fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm abbord jew ħalla li jinżamm abbord ħut li ma ttieħidx skont liċenzja tas-sajd provduta taħt il-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta bi ksur tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi huwa naqas milli jikkomunika l-informazzjoni elettronika tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd kif titlob il-liġi, u dan fir-rigward tas-sajdiet li seħħew fid-dati mit-8 sa l-10 ta' Frar 2014, mill-15 sas-17 ta' Frar 2014, mill-24 sas-27 ta' Frar 2014, mis-17 sal-20 ta' Marzu 2014 u mis-7 sal-11 ta' Ġunju 2014 u dan bi ksur tar-restrizzjoni jew l-obbligu taħt l-Artikolu 47 tar-Regolament ta'

Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jwassal għall-ksur tar-regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08 u li għall-fini ta' pieni jikkostwixxi reat ta' xorta gravi taħt l-imsemmi regolament 4 tal-L.S. 425.08;

8. Talli ukoll fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi huwa naqas milli jippreżenta l-ġurnal oriġinali ta' abbord tas-sajd fuq il-karta fit-terminu stabbilit mil-liġi, cioè entro terminu massimu ta' 48 siegħa wara l-ħatt l-art tal-qabdiet u dan fir-rigward tas-sajdiet li seħħew fid-dati mit-8 sal-10 ta' Frar 2014, mill-15 sas-17 ta' Frar 2014, mill-24 sas-27 ta' Frar 2014 u mis-17 sal-20 ta' Marzu 2014, u dan bi ksur tar-restrizzjoni jew l-obbligu tal-Artikolu 32 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jwassal għall-ksur tar-regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08 u li għall-fini ta' pieni jikkostwixxi reat ta' xorta gravi taħt l-imsemmi regolament 4 tal-L.S. 425.08;

9. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jikkompleta l-ġurnal oriġinali ta' abbord tas-sajd fuq il-karta kif preskritt mil-liġi u dan fir-rigward tas-sajdiet li seħħew fid-dati mit-8 sal-10 ta' Frar 2014, mill-15 sas-17 ta' Frar 2014, mill-24 sas-27 ta' Frar 2014, mis-17 sal-20 ta' Marzu 2014 u mis-7 sal-11 ta' Ġunju 2014 , bi ksur tal-Artikolu 33 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jwassal għall-ksur tar-regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08 u li għall-fini ta' pieni jikkostwixxi reat ta' xorta gravi taħt l-imsemmi regolament 4 tal-L.S. 425.08;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali a tenur tal-Artikoli 370(4) tal-Kap. 9, sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja[1];

---

[1] Fol. 18.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghtija mis-S.T.O il-Prim'Imhallef datat 5 ta' Ottubru 2018;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Ottubru 2018 li permezz tieghu ordnat illi l-proceduri fil-konfront tal-imputat odjern ghandhom jibdew jitmexxew separatament mill-proceduri fil-konfront il-ko-imputat *omissis*, u illi b'hekk jinghata gudizzju separat fil-konfront ta' kull wiehed miz-zewg imputati;

Rat id-digriet moghti mill-Qorti diversament preseduta fit-13 ta' Awwissu 2014 li permezz tieghu il-bastiment Maria Lourdes II bin-numru ta' registrazzjoni MFA7115 gie rilaxxat lis-socjeta` Maria De Lourdes Company Limited taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess digriet, fosthom illi l-istess bastiment ma jigix trasferit lil terzi pendenti l-ezitu tal-proceduri odjerni;

Rat l-ammissjoni registrata mill-imputat waqt l-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2019, liema dikjarazzjoni ta' htija giet affermata minnu anke wara illi l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi legali tad-dikjarazzjoni tal-htija u l-piena erogabbli ghar-reati li jinsab mixli bihom, kif ukoll tatu hin sabiex jirrifletti sew dwar l-ammissjoni tieghu u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza dwar il-piena;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi hija ma ghadhiex tinsisti fuq it-talba taghha ghall-konfiska tal-bastiment tas-sajd;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fit-12 ta' Dicembru 2019 ammetta bla rizerva ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del

resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) u 453(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ghandhom jitqiesu bhala debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjonijiet salv, izda, ghal dak li sejjer jinghad iktar 'l isfel fir-rigward ta' sejbien ta' htija fuq ammissjoni tal-imputat meta mill-provi ikun jirrizulta illi l-imputat ma jistax, minkejja l-ammissjoni tieghu, jinsab hati.

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward ta**l-ewwel akkuza**, din taddebita lill-imputat reati taht l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (hawn aktar 'l isfel imsejjah "l-Att"), kif ukoll taht ir-regolamenti 3 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08, cioe` l-Ordni dwar l-Infurzar ta' Konvenzjonijiet dwar Sajd fuq il-Baħar (hawn aktar 'l isfel imsejjah "l-Ordni"). Il-ksur addebitat lill-imputat f'dan il-kaz huwa l-ksur tal-kundizzjoni bin-numru 6 tal-Permess tas-sajd specjali ghall-konz tal-pixxispad tas-sena 2014[2], li jistipola illi s-sajjied ghandu jinforma lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura li diehel lura, erba' sighat qabel ma jidhol fil-port.

Dan il-ksur jikkostitwixxi ir-reat ravvizat fl-imsemmi Artikolu 12(3) tal-Ligi principali kif ukoll ir-reat ravvizat fir-regolamenti 3 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08[3] li entrambi jipprospettaw bhala reat il-ksur ta' xi wahda mill-kundizzjonijiet preskritti fil-licenzja ossia permess tas-sajd. Dan ifisser illi tissussisti konkors formali tar-reati billi l-istess fatt jew azzjoni tikser zewg dispozizzjonijiet differenti tal-ligi.

---

[2] Esebit in atti a fol. 227. Dan il-permess specjali

[3] Effettivament, jirrizulta illi r-Regolament imsejjah *"Commission Implementing Regulation (EU) No 404/2011 of 8 April 2011 laying down detailed rules for the implementation of Council Regulation (EC) No 1224/2009 establishing a Community control system for ensuring compliance with the rules of the Common Fisheries Policy"*, li giet citat fit-test tal-ewwel imputazzjoni, huwa wiehed mill-konvenzjonijiet dwar is-sajd fil-baħar elenkati fl-Iskeda tar-Regolamenti 425.08. Dan ifisser illi hemm ksur ukoll tar-regolament 3 tal-L.S. 425.08.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghat-**tieni imputazzjoni u t-tielet imputazzjoni** ammessi mill-imputat, il-Qorti wara li rat l-atti u minghajr qies tal-ammissjoni tal-htija tal-imputat, hija sodisfatta illi l-istess imputat, li huwa l-kaptan registrat tal-bastiment Maria Lourdes II, naqas milli jaghmel id-dikjarazzjoni mehtiega mil-ligi dwar qabda ta' *blue fin tuna* li saret mill-istess bastiment, filwaqt illi kwantu ghall-qabda ta' pixxispad, id-dikjarazzjoni li saret mill-istess imputat fil-gurnal originali li nstab fuq il-bastiment, kienet ta' qabda f'ammont inqas minn dak li effettivament gie kostatat mill-ufficjali tad-Dipartiment tas-Sajd waqt spezzjoni li saret fuq l-istess bastiment fil-11 ta' Gunju 2014.

Dan ghaliex mill-ispezzjoni li saret minn ufficjali tad-Dipartiment tas-Sajd fil-11 ta' Gunju 2014 (Dok. RC1) jirrizulta illi l-qabda ta' *blue fin tuna* li nstabet fuq il-bastiment kienet tikkonsisti f'24 huta ta' piz komplessiv ta' 2,205 kilogramm, filwaqt illi kif inghad, jirrizulta illi l-imputat ma ddikjara ebda qabda kwalisiasi ta' tonn. Jirrizulta wkoll illi li l-bastiment in kwistjoni lanqas kien licenzjat biex jistad ghat-tonn[4] u minhabba l-kwantita` tal-qabda, huwa eskluz illi din setghet kienet xi qabda incidentali.

Ir-rizultanzi tal-istess spezzjoni juru wkoll illi l-qabda ta' pixxispad kienet tikkonsisti f'45 huta ta' piz komplessiv ta' 631 kilogramm[5]; madanakollu, il-qabda li giet dikjarata mill-imputat kif jirrizulta mil-logbook esebit a fol. 49, kienet ta' 30 pixxispad ta' piz totali ta' 466 kilogramm.

Mill-provi jirrizulta wkoll[6] illi l-hut kollu, pixxispad u tonn li nstab fuq il-bastiment waqt l-ispezzjoni li saret fil-11 ta' Gunju 2014, gie konfiskat mid-Direttur tas-Sajd u sussegwentement mibjugh bl-irkant tramite l-irkantatur Ernest

[4] Ara fol. 58; xhieda ta' Clayton Buttigieg (23 ta' Ottubru 2014) u Dok. CB2 a fol. 228.
[5] Ara wkoll Dok. RC5, fol. 57.
[6] Vide ricevuti tal-bejgh esebiti komplessivament bhala Dok. RC1 u Dok. EG1 a fol 234 *et seq*.

Galea fil-Pixkerija ta' Malta bejn it-12 ta' Gunju 2014 u t-13 ta' Gunju 2014 ghall-prezz totali ta' €13,215.23[7]

Kwantu ghat-**tieni imputazzjoni**, il-ksur addebitat huwa ta' xi restrizzjoni jew obbligu dwar is-sajd fil-baħar f'xi waħda mill-konvenzjonijiet li għaliha japplika l-Ordni, f'dan il-kaz il-ksur tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 302/2009 tas-6 ta' April 2009[8], u dan kwantu illi l-imputat, kif del resto jirrizulta mill-provi, qabad, zamm abbord u beda jipprova jhott l-art tonn minghajr awtorizzazzjoni valida u dan f'ammonti li jeccedu l-massimu konsentit ghal qabdiet incidentali.

**It-tielet imputazzjoni** mbaghad, taddebita ksur tal-obbligu jew restrizzjoni taht paragrafu 8 tar-*Recommendation for Management Measures for Mediterranean Swordfish in the Framework of ICAAT*[9], konsistenti fil-fatt illi l-imputat qabad, zamm abbord, ipprova jhott l-art u jgorr u jahzen pixxispad taht id-daqs minimu.

L-istess fatti illi jaghti lok ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet jaghu wkoll lok ghar-reat prospettat **fis-sitt imputazzjoni**, illi taddebita lill-imputat ir-reat kontemplat fl-Artikolu 13 tal-Att[10], u ghalhekk jissussisti hawnhekk ukoll il-konkors formali tar-reati.

Ikkunsidrat;

---

[7] Minn dan il-prezz gie mnaqqas l-ammont ta' €832.56 rapprezentanti dritt tal-irkantatur: bilanc ta' €12,382.67.

[8] Ara Skeda S.L. 425.08: *"Council Regulation (EC) No 302/2009 of 6 April 2009 Concerning a Multiannual Recovery Plan for Bluefin Tuna in the Eastern Atlantic and Mediterranean, amending Regulation (EC) No 43/2009 and repealing Regulation (EC) NO 1559/2007".*

[9] 2011-03 - ara Skeda tal-L.S. 425.08.

[10] **13.** Kaptan ma jistax, abbord bastiment tas-sajd, fl-ibħra tas-sajd, iżomm jew iħalli li jinżamm ħut li ma jkunx ittieħed skont liċenza tas-sajd provduta skont dan l-Att jew f'ammont li jiskorri dak li jippermettu r-regolamenti għall-protezzjoni ta' *stocks* ta' ħut.

Bl-ammissjoni tal-htija tieghu ghar-reati addebitati lilu **fis-seba', it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet**, l-imputat ammetta illi l-htija talli naqas milli jikkomunika l-informazzjoni elettronika tal-gurnal abbord tas-sajd, talli naqas milli jikkompleta u jipprezenta l-gurnal originali abbord tas-sajd fuq il-karta entro 48 siegha wara l-hatt l-art tal-qabdiet, u dan fir-rigward tas-sajdiet li sehhew f'diversi dati matul is-sena 2014, bi ksur tar-restrizzjoni jew l-obbligu taht l-Artikolu 47 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Numru 404/2011 tat-8 ta' April 2011[11], liema ksur iwassal ukoll ghall-ksur tar-regolament 3 u 4 tal-L.S. 425.08.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-piena ghall-**ewwel imputazzjoni**, il-Qorti tqis illi huwa evidenti illi r-reat in kwistjoni gie kommess mill-imputat bhala mezz ghall-fini tal-kommissjoni tar-reati l-ohrajn addebitati fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, skont l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ghaliex il-Qorti fehmet illi l-imputat naqas milli jinnotifika l-awtoritajiet kompetenti bid-dhul tieghu fil-port bil-bastiment tas-sajd u naqas milli jikkomunika l-informazzjoni elettronika tal-gurnal abbord tas-sajd, proprju minhabba illi huwa kien qabad u zamm abbord tonn u pixxispad b'mod mhux regolamentari.

Fl-istess waqt il-Qorti tqis ukoll illi, kif diga` stabbilit, jezisti konkors formali ta' reati bejn **is-sitt imputazzjoni** migjuba kontra l-imputat fuq naha wahda, u t-**tieni u tielet imputazzjonijiet** appena msemmija, fuq in-naha l-ohra, u dan billi dawn l-akkuzi lkoll jirreferu ghall-istess fatt illi l-imputat qabad u zamm abbord hut li ma ttiehidx skont licenzja tas-sajd, liema fatt jaghti lok ghall-ksur ta' zewg dispozizzjonijiet differenti, jew iktar, tal-ligi. Konsegwentement, u b'applikazzjoni tal-principju tal-konkors formali tar-reati, ghandha tinghata piena biss ghar-reat l-iktar gravi, cioe` dak prospettat mis-subregolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08 li ma jipprovdix dwar il-massimu tal-multa li

[11] Elenkat fl-Iskeda: vide kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni.

tista' tinghata in linea ta' piena, kwantu l-multa tigi komputata fuq il-valur tal-prodotti tas-sajd li nkisbu bit-twettiq tar-reat[12]. Dan ifisser illi r-reat minuri taht l-Artikolu 13 tal-Att jigi assorbit f'dak aktar gravuz taht l-Ordni.

Madanakollu, billi l-imputat gie mixli u qed instab hati illi qabad u zamm abbord zewg speci ta' qabdiet, cioe` tonn u pixxispad, u kwindi hemm zewg fatti differenti li jiksru konvenzjonijiet differenti applikabbli skont l-ispecje, il-Qorti tqis illi bejn it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ma jezistix konkors formali ta' reati izda konkors materjali u konsegwentement huma applikabbli d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9.

Ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-piena ghall-imsemmija reati, ghalkemm l-imputat ammetta minghajr rizerva ghal dawn l-imputazzjonijiet appena msemmija, il-Qorti tqis illi l-fatt illi l-Prosekuzzjoni talbet fic-citazzjoni illi r-reati in kwistjoni jitqiesu bhala reati ta' natura gravi ghall-fini tal-piena li ghandha tigi inflitta ghall-ksur tal-konvenzjoni, regolament, trattat jew ftehim relattiv, kif ravvizat fir-regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08, **dan ma ghandux u ma jistax ifisser illi l-imputat ammetta wkoll ghax-xorta ta' piena li ghandha tigi inflitta fuqu bis-sejbien ta' htija ghal dawn ir-reati.** Il-Qorti tqis illi ghall-fini tal-piena, il-Prosekuzzjoni xorta wahda hija fid-dmir illi turi kif il-ksur in dizamina jinkwadra bhala reat gravi kif imfisser fid-dispozizzjonijiet tal-proviso tar-regolament 4(6) tal-Ordni.

**Kwantu ghat-tieni imputazzjoni** allura hija l-fehma tal-Qorti illi din ma tinkwadrax testwalment f'xi wahda mid-dispozizzjonijiet tat-tielet proviso tas-subregolament (6) tar-regolament 4 tal-Ordni. B'mod specifiku il-Qorti ma hijiex konvinta illi din l-imputazzjoni giet imfassla fil-qafas tal-paragrafu (c) tat-tielet proviso tas-subregolament (6) tar-regolament 4 tal-Ordni, li jipprovdi illi l-

[12] Ghall-kuntrarju, billi l-Artikolu 13 tal-Kap. 425 ma jistipolax piena specifika, isib applikazzjoni l-Artikolu 30 li jistabbilixxi multa ta' mhux inqas minn €465.87 u ta' mhux iktar minn €11,646.87.

ksur huwa wiehed gravi jekk *inter alia*, **il-bastiment tas-sajd hu mingħajr awtorizzazzjoni u jew permess validi kif meħtieg skont l-Att**.

Hawnhekk l-imputat qed jigi mixli u qed jinstab hati talli qabad, zamm abbord jew beda jhott l-art tonn minghajr awtorizzazzjoni valida u minghajr dokumentazzjoni preciza, kompleta u validata u dan f'ammonti li jeccedu l-massimu konsentit ghall-qabdiet incidentali. Kif rajna, il-Qorti fehmet illi din l-imputazzjoni hija msejsa b'mod evidenti fuq it-test tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 425, li kif rajna jifforma l-oggett tas-sitt imputazzjoni u li jipprovdi illi:-

*Kaptan ma jistax, abbord bastiment tas-sajd, fl-ibħra tas-sajd, iżomm jew iħalli li jinżamm ħut li ma jkunx ittieħed skont liċenza tas-sajd provduta skont dan l-Att jew f'ammont li jiskorri dak li jippermettu r-regolamenti għall-protezzjoni ta' stocks ta' ħut.*

Dan stabbilit, il-Qorti mhux talli m'hijiex konvinta illi r-reat fit-tieni imputazzjoni ghandu necessarjament jigi meqjus bhala wiehed gravi skont ir-regolament 4 tal-Ordni, talli hija tal-fehma illi anke kieku r-reat jikostitwixxi ksur ta' natura gravi a tenur tar-regolament 4(2) tal-Ordni, il-Qorti ghandha tikkwantifika l-piena ghal dan ir-reat bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-ewwel proviso tal-regolament 4(6) tal-Ordni. Dan qed jinghad ghaliex **l-imputazzjoni kif imfassla hija specifikatament ikkontemplata bhala reat fl-Att, u hemm ukoll piena specifika assocjata ma' dak l-istess reat u cioe` multa ta' mhux inqas minn €465.87 u ta' mhux iktar minn €11,646.87**[13]. Konsegwentement, b'applikazzjoni tal-ewwel proviso tal-istess subregolament (6) tar-regolament 4 tal-Ordni, anke jekk jigu applikati d-dispozizzjonijiet tar-regolament 4(2) sabiex tigi kwantifikata l-piena, il-piena pekunjarja ma ghandhiex teccedi s-somma ta' €11,646.87.

Issa fil-kaz odjern, gie stabbilit mill-provi illi l-valur tal-qabda tat-tonn li l-imputat zamm abbord il-bastiment minghajr awtorizzazzjoni, huwa ta'

[13] B'applikazzjoni tal-Artikolu 30 tal-Att.

€9,781.05. Kieku l-multa kellha tigi komputata ghall-finijiet tar-regolament 4(2), cioe` multa ta' hames darbiet il-valur tal-prodotti tas-sajd li jkunu inkisbu permezz tar-reat, is-somma tkun ta' €48,905.25.

Madanakollu, b'applikazzjoni tad-dispozizzjonjiet tal-ewwel proviso fuq imsemmi tar-regolament 4(6) tal-Ordni, il-Qorti tqis illi irrispettivament jekk il-ksur ravvizat fit-tieni imputazzjoni huwiex wiehed ta' natura gravi o meno, il-multa in linea ta' piena ma tistax teccedi s-somma ta' **€11,646.87.**

Sabiex waslet ghal din il-konkluzjoni, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi kif jirrizulta mill-verbal registrat konguntivament mill-Prosekuzzjoni u d-difiza fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2019, il-Prosekuzzjoni jidher li ma ghadhiex tinsisti fuq it-talba taghha illi l-istanzi ta' ksur tar-regolament 4 tal-L.S. 425.08 jitqiesu li huma ta' natura gravi, u dan ghaliex waqt it-trattazzjoni issottomettiet illi multa komplessiva fis-somma ta' €13,000 ghar-reati migjuba kontra l-imputat, ghandha tkun wahda idonea fic-cirkostanzi. Kif rajna, kieku l-multa dovuta fuq kull sejbien ta' htija ghar-reati in kwistjoni kellha tkun dik prospettata mis-subregolament 4(2) cioe` hames darbiet il-valur tal-tal-prodotti tas-sajd li jkunu nkisbu permezz tar-reat, din tkun teccedi b'mod fenomenali l-multa li l-Prosekuzzjoni ddikjarat waqt it-trattazzjoni li hija erogabbli komplessivament ghar-reati in dizamina.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghar-reat prospettat fit-**tielet imputazzjoni**, cioe` li l-imputat qabad u zamm abbord pixxispad taht id-daqs minimu, bi ksur tal-obbligu jew restrizzjoni kontemplata fil-konvenzjoni hemm imsemmija, il-Qorti tqis illi dan ghandu jitqies bhala ksur ta' natura gravi kwantu illi evidentement, il-kaptan ossia l-imputat, għabba abbord, ittrasborda jew żbarka pixxispad **taħt id-daqs minimu**. Din l-imputazzjoni tinkwadra sfiq fil-paragrafu (o) tat-tielet proviso tas-subregolament (6) tar-regolament 4 tal-L.S. 425.08 u konsegwentement il-ksur

ghandu jitqies bhala wiehed ta' natura gravi. Dan ifisser illi l-piena applikabbli, a tenur tar-regolament 4(2) tal-Ordni, ghandha tkun ta' multa ta' hames darbiet il-valur tal-prodotti miksuba permezz tar-reat.

Kif jirrizulta mid-dokument EG1, il-pixxispad ta' daqs zghir gie mibjugh ghall-valur totali ta' €348.08 liema somma ghal hames darbiet, iggib total ta' **€1,740.40**.

Ikkunsidrat;

L-istess principju tal-konkors formali tar-reati jsib applikazzjoni fir-rigward ukoll tar-**raba', il-hames u d-disa'**[14] **imputazzjonijiet**, stante illi huwa manifest illi l-istess fatt qed jaghti lok ghal kummissjoni ta' iktar minn reat wiehed: bil-fatt illi l-imputat ghamel dikjarazzjoni jew ta taghrif falz dwar il-qabdiet tas-sajd fil-gurnali abbord tas-sajd, huwa kien qieghed jikkommetti vjolazzjoni mhux biss tal-ligi kriminali izda wkoll tal-ligijiet li jirregolaw is-sajd fil-Kapitolu 425 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08, talanqas dwar il-qabdiet tas-sajd li saru bejn is-7 u l-11 ta' Gunju 2014. Dan ifisser illi ghandu jkun hemm l-assorbiment tar-reat l-iktar gravi mahsub fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi ghal piena ta' prigunerija, f'dawk minuri u cioe' dawk dwar il-ksur tar-regolamenti mahsuba fil-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08 li jipprospettaw biss pieni pekunjarji.

Madanakollu, applikat dan il-principju, il-Qorti ma tqisx illi fil-kaz odjern huwa meritat li tinghata piena karcerarja u l-Qorti sejra xorta wahda tapplika l-piena ta' multa minghajr, izda, ma hija marbuta bil-parametri tal-piena prospettata fil-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08.

[14] Kwantu biss is-sajda li sehhet bejn is-7 u 11 ta' Gunju 2014.

Wara li rat il-fedina netta tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta’ Gilbert Balzan li ddikjara[15] illi l-imputat qatt qabel ma ssottometta taghrif falz dwar il-qabdiet tas-sajd tieghu u l-qabdiet dejjem ikkorrispondew ma’ dak dikjarat fil-gurnali abbord, tqis illi multa fis-somma ta’ **€500** hija wahda idonea fic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat;

Kwantu jirrigwarda l-qabdiet l-ohra tas-sajd li sehhew f’dati precedenti ghas-7 ta’ Gunju 2014 izda dejjem matul l-istess sena 2014, kif indikati fid-**disa’ imputazzjoni**, il-Qorti wara li rat l-atti senjatament il-logbooks originali esebiti a fol. 51, 52 u 53 riferibbilment ghas-sajdiet li sehhew bejn Frar u Marzu tal-2014, u fil-fehma taghha jirrizulta illi dawn il-logbooks gew debitament kompletati kwantu l-gurnata, xahar, siegha u post ta’ hrug u dhul tal-bastiment. Fil-fatt kif rajna Gilbert Balzan fid-depozizzjoni tieghu tas-16 ta’ April 2015, xehed illi d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputat fuq il-logbooks qabel is-sajda ta’ Gunju 2014, kienu dejjem jaqblu mal-qabdiet.

Madanakollu, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha u kwindi wkoll ghad-disa’ imputazzjoni.

F’kull kaz, izda, il-Qorti tosserva illi l-piena applikabbli ghar-reat prospettat fis-subregolamenti 3 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08 hija marbuta intrinsikalment mal-prova tal-valur tal-prodotti tas-sajd li jkunu niksibu bit-twettiq tar-reat u komputabbli biss abbazi tal-valur li jkun gie ppruvat. Izda fil-kaz odjern, fejn il-Prosekuzzjoni ma producietx prova dwar il-valur tal-qabdiet li sehhew f’dawn id-dati qabel is-7 ta’ Gunju 2014, il-Qorti ma tistax taghti l-piena prospettata fir-regolament 4(2) tal-L.S. 425.08 izda ghandha tapplika l-piena mahsuba fir-regolament 4(4) tal-Ordni li tapplika f’kaz ta’ ksur ta’ natura gravi

[15] Xhieda tas-16 ta’ April 2015 – fol. 268.

skont il-paragrafu (d)[16] tat-tielet proviso tar-regolament 4(6) izda fejn ma jkunu nksibu ebda prodotti tas-sajd permezz tar-reat.

F'dan il-kaz, billi ma ngabitx prova, il-Qorti tqis illi ma nkisbux prodotti permezz tar-reat u konsegwentement, il-piena pekunjarja hija ta' multa ta' mhux inqas minn €1,000 u mhux iktar minn €10,000. Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz ghandha teroga piena fil-minimu taghha kwantu ghall-qabdiet precedenti ghas-7 ta' Gunju 2014, u bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9, cioe` multa ta' **€4,000**.

Ikkunsidrat;

Madanakollu, fl-istess waqt il-Qorti ma tistax ma tosservax illi minkejja l-ammissjoni tal-imputat ghall-htija tieghu *inter alia* ghar-reat prospettat **fis-seba' imputazzjoni**, hija ma thossx li tista ssib lill-imputat hati ta' dan il-ksur stante illi kwantu ghan-notifika permezz ta' informazzjoni elettronika tal-log books li jirreferu ghas-sajdiet li sehhew bejn Frar u Marzu, u f'Gunju, tas-sena 2014, il-Prosekuzzjoni mhux talli ma ressaqet l-ebda prova illi dawn in-notifiki elettronici ma kienux saru entro z-zmien stipolat, talli x-xhud Jonathan Cassar xehed[17] bla tlaqliq illi filwaqt illi huwa ma spezzjonax l-E logbook tal-bastiment in kwistjoni fil-11 ta' Gunju 2014, is-sistema elettronika tad-Dipartiment tas-Sajd hija afflitta minn problemi teknici **u ma kienetx qieghda accessibbli f'dik il-gurnata**. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-imputat lilu kien gharrfu dakinhar tal-11 ta' Gunju 2014 illi huwa ma setax jidhol fis-sistema elettronika biex jissottometti l-E logbook. **Dan huwa affermat mill-imputat innifsu li sostna enfatikament[18] illi huwa kien issottometta l-E logbooks kollha rigwardanti s-sajdiet precedenti cioe` dawk li sehhew fi Frar u Marzu tal-2014 u li dwarhom instabu fuq il-bastiment waqt l-ispezzjoni tal-11 ta' Gunju 2014, il-logbooks originali**.

---

[16] *d*) *"ir-rapporti meħtieġa dwar il-qabda kienu intenzjonalment mhux kompleti u, jew żbaljati".*
[17] Xhieda tal-20 ta' Novembru 2014.
[18] Xhieda tas-26 ta' Mejju 2016, fol. 322 *et seq*.

F'dan il-kwadru ta' fatti u provi, il-Qorti ma tistax tistrieh fuq l-ammissjoni tal-imputat meta dan huwa kontradett u eskluz mill-provi, u meta huwa xehed mod iehor waqt it-testimonjanza tieghu quddiem il-Qorti, u fir-rigward, hija sejra twarrab l-ammissjoni tal-htija tieghu fir-rigward **tas-seba' imputazzjoni u sejra tqis li mhuwiex hati tar-reat lilu addebitat**.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tat-**tmien imputazzjoni**, li taddebita lill-imputat ksur ta' natura gravi talli huwa naqas milli jipprezenta l-istess gurnal originali ta' abbord tas-sajd entro 48 siegha wara l-hatt tal-art tal-qabdiet, u dan kwantu diversi sajdiet li sehhew f'diversi dati fis-sena 2014, il-Qorti tosserva dan li gej. Huwa biss, fil-fehma taghha, il-ksur ravvizat fis-seba' imputazzjoni illi, kieku l-imputazzjoni kellha tirrizulta, tista' titqies bhala ksur ta' natura gravi stante illi dan huwa prospettat fil-paragrafu (e)[19] tat-tielet proviso tar-regolament 4(6) tal-Ordni. **Il-ksur ravvizat fit-tmien imputazzjoni, izda, ma jinkwadra mkien f'ebda wiehed mill-paragrafi tal-imsemmi proviso u kwindi l-Qorti ma tqisux bhala wiehed ta' natura gravi**.

Billi lanqas ingiebet xi prova li nkisbu xi prodotti tas-sajd permezz tar-reat mahsub fit-tmien imputazzjoni, il-Qorti tqis illi ghandhom isibu applikazzjoni d-dispozizzjonijiet tar-regolament 4(6) tal-Ordni fejn il-piena mahsuba hija ta' multa li ma tistax tkun inqas minn €50 u mhux iktar minn €1,000. **Il-Qorti tqis li kwantu ghal din l-imputazzjoni, ikun xieraq illi tinghata l-multa fis-somma ta' €100 ghar-reat addebitat**.

Ikkunsidrat;

[19] (*e*) *"in-notifiki meħtiega ma ġewx trasmessi."*

B'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi illi "*persuna misjuba ħatja ta' aktar minn reat wieħed li għalih hemm pieni pekunjarji tingħata l-piena tal-multa jew ammenda ogħla jew tal-ogħla multa jew ammenda, skont il-każ, b'żieda ta' nofs kull waħda mill-multi jew ammendi l-oħra*", il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha teroga piena ta' €11,646.87 b'zieda ta' nofs il-pieni pekunjarji l-ohrajn inflitti kif fuq premess, cioe` **multa komplessiva fis-somma ta' erebatax-il elf, tmien mija u ghoxrin Euro (€14,820).**

Ikkunsidrat;

Fic-citazzjoni, il-Prosekuzzjoni talbet il-konfiska tal-bastiment bl-isem Maria Lourdes II li kienet intuzat fil-kommissjoni ta' dawn ir-reati, u dan bi ksur tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9. L-Artikolu 23 tal-Kap. 9 jipprovdi dwar il-konfiska tal-*corpus delicti* cioe` tal-istrumenti li servew jew li kienu mahsuba sabiex iservu biex isir id-delitt, bhala konsegwenza tal-piena ghad-delitt. Madanakollu, il-Qorti tosserva illi b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 31(3) tal-Kap. 425, (3) id-dispozizzjonjiet tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali ma humiex applikabbli ghal reati kontra dan l-Att. Ma jirrizultax lanqas illi l-Kap. 425 jipprovdi ghall-konfiska tal-bastiment li jkun serva biex jitwettqu xi reati kontra l-istess Att dwar il-konservazzjoni u l-amministrazzjoni tas-sajd. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax tilqa' din it-talba illi evidentement giet imfassla ghall-finijiet tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9.

Huwa minnu illi l-Artikolu 30 tal-Att (Kap. 425) jipprospetta illi, b'zieda ma' kull piena ohra li tista' tinghata, tigi ordnata wkoll il-konfiska tat-taghmir tas-sajd, strumenti u apparat uzat fl-ghemil tar-reat u kull abbord ta' bastiment jew id-dhul mill-bejgh tieghu, izda din is-setgha tal-Qorti hija wahda diskrezzjonali. B'zieda ma' dan, ma jirrizultax illi meta persuna tinstab hatja ta' reat kontra l-Att, dan jipprovdi ghall-konfiska mandatorja jew diskrezzjonali tal-bastiment tas-sajd li jkun intuza fit-twettiq ta' reat kontra l-istess Att, b'zieda ma' jew minflok

il-piena: **hlief a tenur tal-Artikolu 35 tal-Att f'kaz li ma jsirx il-hlas tal-multa inflitta entro t-terminu stipolat u biss f'kaz ta' sejbien ta' htija ghar-reat mahsuba fl-artikoli 8(2), 9(3) u 10(2) tal-istess Att.** Fil-fatt, kif diga` nghad, il-konfiska tal-bastiment m'hijiex mahsuba fid-dispozizzjonijiet tas-subinciz (2) tal-Artikolu 30 tal-Att, u filwaqt l-Artikolu 24(6) tal-Att jipprovdi illi fit-tifsira tal-kelma "*bastiment*" ghall-finijiet biss ta' dak l-istess Artikolu hemm kompriz ukoll "*it-taghmir kollu abbord jew uzat mill-bastiment kif ukoll il-hut kollu mill-bastiment*", huwa ovvju illi dawn l-oggetti huma distinti mill-bastiment innifsu.

Il-Qorti tosserva illi f'dan il-kaz il-bastiment tas-sajd Maria Lourdes II (MFA 7115) ghalkemm kien gie konfiskat mid-Direttur tas-Sajd u kien gie esebit formalment f'dawn il-proceduri, kien gie rilaxxat lis-sid taghha cioe` l-kumpannija Marie De Lourdes Company Limited permezz ta' digriet datat 13 ta' Awwissu 2014, moghti fuq talba tal-istess sid. Jirrizulta illi dan il-helsien kien inghata minghajr ma gie ordnat l-ghoti ta' garanzija jew il-produzzjoni ta' obbligazzjoni a favur il-Gvern ta' Malta kif rikjest skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 24 tal-Att.

Fi kwalsiasi kaz izda, jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni, ghalkemm ma rtiratx formalment it-talba ghall-konfiska, ma ghadhiex qed tinsisti dwar it-talba taghha ghall-konfiska tal-bastiment b'zieda mal-piena f'kaz li l-imputat jinstab hati tar-reati lilu addebitati f'dawn il-proceduri, u dan skont kif gie dikjarat mill-istess Prosekuzzjoni fil-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2019.

Ghaldaqstant, minhabba dak kollu fuq premess, il-Qorti ma tistax, fi kwalsiasi kaz, tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska tal-bastiment *de quo*, izda, ghall-fini tal-hlas tal-multa li minhabba s-sejbien ta' htija tal-imputat ghar-reati lilu addebitati, **il-Qorti sejra tipprovdi illi l-bastiment Marie de Lourdes II jinzamm f'Malta sakemm effettivament tithallas il-multa komplessiva inflitta b'din is-sentenza fit-terminu koncess, jew inkella sakemm tinghata**

**garanzija bizzejjed mill-imputat ghall-hlas tal-ammont dovut a sodisfazzjon tal-Qorti**.

Ikkunsidrat;

Illi rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni fic-Citazzjoni ghall-hlas ta' spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti wara li rat illi ma nhatru ebda esperti f'dawn il-proceduri, qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

Kwantu mbaghad ghat-talba ghall-hlas tal-kost u l-ispejjez ghall-procedimenti, a tenur tal-Artikolu 31(4) tal-Kap. 425, billi ma jirrizultax illi tressqu xi provi dwar il-kost li sar in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, il-Qorti tqis li t-talba ma ghandhiex tigi milqugha.

**Madanakollu, ghall-finijiet tal-Artikolu 30(2) tal-Att, il-Qorti qieghda tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat kollu cioe` fis-somma ta' tnax-il elf tliet mija u tnejn u tmenin Euro u sebgha u sittin centezmu (€12,382.67), mill-bejgh bl-irkant tal-hut li nqabad u gie konfiskat mill-pussess tal-imputat.**

**<u>DECIDE</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat SAMMY VELLA hati tas-seba' imputazzjoni, minkejja l-ammissjoni tieghu, u tilliberah minnha, wara li rat l-Artikoli 17(f)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 12, 13, 30, 31(3) u 35 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 3 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08 (Avviz Legali 209 tal-2011), fuq ammissjoni ssib lill-istess imputat SAMMY VELLA hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet u tikkundannah multa komplessiva ta' erbatax-il**

**elf, tmien mija u ghoxrin Ewro (€14,820.00) li ghandha tithallas fi zmien tletin (30) gurnata mil-lum.**

**Il-Qorti filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hlas ta' hatra ta' esperti, stante illi ma gewx nominati esperti f'dawn il-proceduri, qieghda tichad it-talba ghall-hlas tal-kost u l-ispejjez relattivi ghall-procedimenti skont l-Artikolu 31(4) tal-Kap. 425 ghaliex ma tressqux provi dwar il-kost u l-ispejjez tal-imsemmija procedimenti, u qieghda tichad ukoll it-talba ghall-konfiska tal-bastiment Maria de Lourdes II (MFA7115) b'kull rizerva izda, ghall-ordni maghmula hawn iktar 'l isfel ghall-finijiet tal-Artikolu 35 tal-Kap. 425.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 35 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna illi l-bastiment Marie de Lourdes II (MFA7115) jinzamm f'Malta sakemm effettivament tithallas il-multa komplessiva inflitta b'din is-sentenza, jew inkella sakemm tinghata garanzija bizzejjed mill-imputat ghall-hlas tal-ammont dovut a sodisfazzjon tal-Qorti**.

**Tordna wkoll ghall-finijiet tal-Artikolu 30(2) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat kollu mill-bejgh bl-irkant tal-hut li nqabad u gie konfiskat mill-pussess tal-hati, fis-somma ta' tnax-il elf tliet mija u tnejn u tmenin Euro u sebgha u sittin centezmu (€12,382.67).**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**